# Festival li jpoġġi l-letteratura fil-qalba tal-attività ta' kuljum

**IL-FESTIVAL MEDITERRANJU TAL-LETTERATURA** ta' Malta wasal fil-11-il edizzjoni tiegħu. Din l-edizzjoni se tittella' bejn il-25 u s-27 ta' Awwissu ġewwa l-Forti Sant'Iermu, il-Belt, mit-8pm 'il quddiem.

Din il-11-il edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta, flimkien mal-laboratorju tat-traduzzjoni tal-Literature Across Frontiers, qed jittellgħu minn Inizjamed bħala parti mill-proġett Literary Europe Live, ikkofinanzjat mill-programm Creative Europe tal-UE, u kkordinat minn Literature Across Frontiers. Il-Festival qed jittella' bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Arti, il-Fondazzjoni Valletta 2018, Heritage Malta, l-Għaqda tal-Malti – Università, Spazju Kreattiv u Highlight Arts. Il-Festival iġorr ukoll is-siġill ta' kwalità EFFE.

MUŻAJK għamel xi mistoqsijiet lill-organizzaturi ta' dan il-Festival.

## X'inhu l-għan tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta?

L-għan tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta huwa li jlaqqa' awturi Maltin u barranin fi spazju – il-Mediterran – li fih jistgħu jimirħu fil-letteratura u permezz tagħha. Fil-fatt, il-kelma "Mediterran" fit-titlu tal-Festival timplika spazju li fih jiltaqgħu kulturi differenti biex jiddjalogaw u jinteraġixxu flimkien. Għan ieħor tal-Festival hu li jpoġġi l-letteratura fil-qalba tal-attività ta' kuljum fejn il-letteratura ma tkunx lussu żejjed imma parti minn dak li jagħmilna iktar sħaħ u jgħaqqadna ma' oħrajn. Barra minn hekk, huwa spazju għall-awturi Maltin li jesponu x-xogħol tagħhom, imma wkoll għal awturi barranin li jressqu x-xogħol tagħhom quddiem udjenza lokali. B'hekk il-letteratura timplika wkoll politika, fis-sens wiesa' tal-kelma. Il-Festival huwa lok għal skambju ta' kulma hu marbut ma' kultura u poetiċità.

## Min hu l-moħħ wara dan il-Festival?

Il-bniedem li ra l-konċepiment ta' Inizjamed, u tal-Festival u li llum hu d-Direttur Artistiku tal-Festival, huwa Adrian Grima. Inizjamed ilha tikkordina dan il-Festival għal dawn l-aħħar 11-il sena u wara l-Festival dejjem kien hemm tim kbir ta' nies li ta s-sehem tiegħu mill-aħjar li seta'. Kull membru ta' Inizjamed u kull min jgħin lil Inizjamed iġib miegħu ftit esperjenza differenti, ftit iktar kulur, perspettivi ġodda. Dan huwa li jagħmel il-Festival dinamiku – il-fatt li jixrob mill-oqsma differenti li ġejjin minnhom in-nies li jaħdmu għalih u jkompli jistagħna b'mod organiku.

Disinn ta' Pierre Portelli

## Min huma l-awturi li se jieħdu sehem fihom?

L-awturi ta' din is-sena huma Samantha Barendson (Franza), Roja Chamankar (l-Iran), Joe P. Galea (Malta), Elias Khoury (il-Libanu), Ciwanmerd Kulek (il-Kurdistan/it-Turkija), Daniel Massa (Malta), Abderrahim Sail (il-Marokk), Rita Saliba (Malta), Mark Vella (Malta), Abigail Ardelle Zammit (Malta), Rodolfo Häsler (Kuba/Spanja), u Marc Nair (Singapore).

## Kif u għaliex intgħażlu dawn l-awturi? X'se jkun l-irwol tagħhom f'dan il-festival?

Kull sena l-Festival ifittex li jlaqqa' għażla ta' awturi li huma ismijiet kbar internazzjonali ma' ismijiet oħra li qed jipproduċu xogħol ta' kwalità iżda li mhux magħrufa daqs oħrajn. Ifittex li jlaqqa' awturi lokali u barranin. Ngħidu aħna, aspetti importanti li nfittxu fl-awturi huwa li jippreżentaw ix-xogħol tagħhom fuq il-palk. Il-letteratura mhix biss dik miktuba, u fil-fatt tieħu ħajja ġdida meta tiġi ppreżentata fuq il-palk, kemm jekk b'qari kif ukoll b'interpretazzjoni. L-esperjenza fit-traduzzjoni tgħin ukoll, għax dan mhux sempliċement Festival li tiġi għalih, taqra u daqshekk. Ġimgħa qabel il-Festival l-awturi jinġabru biex jittraduċu x-xogħol ta' xulxin u din is-sinerġija li tinbena bejniethom twassal għal skambji li jmorru lil hinn mill-Festival, kemm fejn tidħol il-letteratura nnifisha li tivvjaġġa permezz tat-traduzzjoni, kif ukoll permezz ta' stediniet anke għal Festivals oħrajn.

## Min jattendi għal dan il-festival x'għandu jistenna?

Naħseb waħda mill-aħjar kelmiet li jiddeskrivu l-Festival hija esperjenza. Dan il-Festival joffri esperjenza indimentikabbli u li ttul lil kull min iżuru. Sena wara sena jkollna min jattendi għall-Festival u jirrimarka x'atmosfera kien hemm. Mhux faċli tgħid x'inhi dil-ħaġa, nazzarda ngħid maġija, marbuta mal-Festival. Żgur li min jiġi għandu jistenna varjetà ta' awturi minn pajjiżi differenti li jitkellmu b'lingwi differenti u jiktbu bi stili differenti. Għandu jistenna atmosfera sabiħa li fiha jista' jisma' l-letteratura imma wkoll jgħid kelma bejn il-ħbieb, jixrob tazza nbid, jixtri xi kotba, iġib xi firma, u jnaqqar xi ħaġa ... Il-post innifsu diġà jistieden lil dak li jkun jattendi, u l-Festival u dak kollu li se jġib miegħu jkomplu jagħmlu l-istedina f'post bħal dan aktar attraenti.



## Apparti letteratura, il-festival jinkludi wkoll aspett mużikali. Min se jkunu l-gruppi mużikali mistiedna?

Hekk hu. Matul il-Festival wieħed se jkun jista' jgawdi mużika jazz u mużika alternattiva lokali minn Effie Azzopardi u Francesca Galea. Barra minn hekk, l-awtur Marc Nair huwa wkoll performer, speċifikament spoken word poet. Fil-fatt, huwa wkoll mużiċist li jaddatta l-poeżiji tiegħu għall-mużika. Sal-lum ħareġ żewġ albums tal-ispoken word mal-band tiegħu Neon and Wonder. Nair jikkollabora wkoll ma' mużiċisti magħrufa minn Singapore bħal Bani Haykal, Weish u Tim De Cotta.

## Xi tgħidli dwar il-films li se jintwerew għall-ewwel darba f'dan il-festival?

Għall-ewwel darba waqt dan il-Festival se jintwerew żewġ films tal-poeżija maħduma lokalment taħt il-kappa tal-inizjattiva "Poetry on Film" imtellgħa mill-Fondazzjoni Valletta 2018, bi sħab ma' Inizjamed. Il-poeżija "Meta tiġi MariRos" ta' Lillian Sciberras ġiet addattata għall-film minn Shadeena Films taħt it-tmexxija ta' Martin Bonnici, u l-film LOML minn Gilbert Calleja u Matthew Attard huwa bbażat fuq il-poeżija "Tibqa' Int" ta' Ray Mahoney. Minbarra films tal-poeżija lokali, se jintwerew ukoll films barranin minn Highlight Arts u l-Oslo Film Festival.

## X'se tkun id-differenza fl-edizzjoni ta' din is-sena, minn dik tas-snin ta' qabel?

Is-sabiħ ta' dan il-Festival huwa li filwaqt li wieħed ikun jaf bejn wieħed u ieħor x'se jistenna, dejjem ikun hemm xi ħaġa ġdida, xi ħaġa friska. Kif semmejt qabel, din is-sena se nkunu qed nippreżentaw żewġ films tal-poeżija maħduma lokalment, u mhux biss wieħed. Din is-sena wkoll qed naħdmu fuq sensiela ta' attivitajiet qabel il-Festival. Se nieħdu l-opportunità li nlaqqgħu l-udjenzi mal-awturi tal-Festival qabel il-Festival innifsu, permezz ta' żewġ intervisti dwar suġġetti kurrenti. Nhar il-21 ta' Awwissu, Rodolfo Häsler minn Kuba u residenti fi Spanja, se jkun intervistat minn Jean Paul Borg. Min-naħa l-oħra se nkunu qed niltaqgħu ma' Marc Nair minn Singapore nhar it-23 ta' Awwissu. Iż-żewġ attivitajiet se jittellgħu ġewwa Spazju Kreattiv u jibdew fit-8pm. Fl-24 ta' Awwissu se jittella' wkoll palk ħieles ġewwa l-Maori, il-Belt, fejn dak li jkun jista' jiġi, jaqra x-xogħol tiegħu, u jiltaqa' ma' xi wħud mill-awturi tal-Festival. Din is-sena se jkollna wkoll kotba magħmulin bl-idejn minn Glen Calleja; dan minbarra l-affarijiet li kulħadd ikun qed jistenna, bħall-awturi nfushom, l-intervisti u l-bejgħ ta' kotba tal-awturi stess. Naturalment, ħaġa li baqgħet l-istess hi li l-attivitajiet kollha marbuta mal-Festival u l-Festival stess huma bla ħlas.

## Bħala Inizjamed, ittellgħu xi attivitajiet oħra matul is-sena?

Iva, Inizjamed tfittex li taħdem mill-qrib ma' gruppi differenti sabiex twassal il-letteratura b'modi differenti. Ngħidu aħna l-proġett "Poetry in Potato Bags" minn Valletta 2018 Foundation u Inizjamed jaħdem biex flimkien mal-patata jiskambja, bejn Leeuwarden u lura, il-poeżija. Inizjamed taħdem ukoll fuq pjattaformi internazzjonali u fost l-oħrajn tippromwovi xogħol ta' artisti żgħażagħ permezz tal-BJCEM. Avveniment ta' kull xahar li issa qed isir sinonimu ma' Inizjamed huwa l-palk ħieles, jew open mic, fejn dak li jkun jista' jiġi u jaqra jew ikanta x-xogħol li jkun kiteb. Inizjamed għandha preżenza wkoll fl-iskejjel; ngħidu aħna ftit tax-xhur ilu konna preżenti ġewwa s-6th form t'Għawdex ma' Joe P. Galea li ta intervista dwar il-letteratura u l-kitba liż-żgħażagħ preżenti.

Id-dħul għall-attivitajiet kollha tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta huma bla ħlas.